**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 26 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 8**

**Avviz Nru: 651/02AE**

**Defranco Enterprises Limited**

**Vs**

**Lorenzo sive Renzo Saliba u martu Rosaria Saliba**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tmien mija u hamsa u hamsin lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm855.65), bilanc ta' prezz ghall-bejgh u konsenja ta' injam.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu

preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha x-xhieda moghtija bil-gurament mill-avukat Dr. Paul Farrugia li kkonferma l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra d-dokumenti li gew  prezentati mis-socjeta attrici (Dok. PM1-PM2).

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ tmien mija u hamsa u hamsin lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm855.65), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**